# Inti taħdem b' kuntratt jew ħaddiem każwali?



Aħna nitkellmu l-lingwa tiegħek ☎ 13 1202

*Are you a contract or casual worker?* - **Maltese**

Jekk tapplika għal xi wieħed minn dawn il-pagamenti tas-sapport tad-dħul, jista' jkollok tistenna għal xi żmien qabel tirċievi l-ħlas:

- Newstart Allowance (Pagament ta' Newstart)
- Youth Allowance (Għajnuna Finanzjarja taż-Żgħażagħ)
- Austudy
- Sickness Allowance (Pagament tal-Mard)
- Carer Payment (Pagament lil Min Jieħu Ħsieb xi Ħadd)
- Special Benefit (Benefiċċju Speċjali [dawk biss nominati li jkollhom viża])
- Disability Support Pension (Pensjoni tas-Sapport tad-Diżabilità [minbarra klijenti li huma għomja permanenti])
- Parenting Payment (Pagament tal-Ġenitur), **jew**
- Widow Allowance (Għajnuna Finanzjarja ta' l-Armla).

Jekk inti jew is-sieħeb/sieħba tiegħek tkunu għamiltu xi xogħol b'kuntratt jew xogħol każwali fl-aħħar sitt xhur, jista' jkollkom tistennew għal xi żmien qabel tirċievu pagament. Il-perijodu li wieħed ikollu jistenna ilu japplika għal ħaddiema staġjonali mill-1999, u mill-20 ta' Settembru 2006, japplika wkoll għal ħaddiema b'kuntratt u ħaddiema każwali.

## X'inhu xogħol b'kuntratt jew xogħol każwali?

**Xogħol b'kuntratt** huwa kull xogħol li jsir taħt kuntratt għal xogħol speċifiku u/jew perijodu li jinkludi xogħol ta' sottukuntratt.

**Xogħol każwali** (jew xogħol li jieqaf u jerġa' jibda) huwa xogħol li jkun disponibbli minn żmien għal żmien, jista' jkun raġjonevolment imbassar li jispiċċa jew li ma jkunx disponibbli għal xi żmien, it-tul taż-żmien ikun anqas minn sena u ma jakkumulax intitolamenti ta' leave.

**Xogħol b'kuntratt u xogħol każwali jista' jinkludi:**

- xogħol li jkun affettwat minn għeluq ta' negozju regulari – bħal m'hu xogħol f'fabbriki li temporanjament jagħilqu għall-perijodu tal-Milied jew għal manutenzjoni regulari
- kull xogħol li jieqaf u jibda b'regolarità - bħal m'hu xogħol fil-minjieri u fl-industriji taż-żejt
- xogħol mhux kontinwu jew xogħol fejn perijodu ta' qgħad huwa mbassar
- xogħol ta' relief (bħal ngħidu aħna xogħol ta' għalliema jew nies li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa biex isserrħu lil ħaddieħor)
- xogħol ta' konsulenza
- xogħol b'kuntratt jinkludi xogħol ta' sottukuntratt
- ħaddiema tas-saħħa u ħaddiema mediċi, **u**
- xogħol b'kuntratt fil-qasam ta' l-arti u d-divertiment.

## Il-perijodu li jkollok tistenna japplika għalik?

Il-perijodu li jkollok tistenna **ma** japplikax għalik jekk:

- ix-xogħol li kont fih dam aktar minn sena, **jew**
- akkumulajt intitolamenti ta' leave meta kont qed taħdem bħala ħaddiem b'kuntratt jew ħaddiem każwali.

Il-perijodu li jkollok tistenna japplika jekk:

- ix-xogħol li kont qed tagħmel jaqbel mad-deskrizzjoni ta' xogħol b'kuntratt jew xogħol każwali, **u**
- il-qligħ li tħallast minn dan ix-xogħol ikun aktar mill-Average Weekly Ordinary Time Earnings (AWOTE)* (Qligħ Medju ta' Ġimgħa għal Ħin Ordinarju).

Centrelink ser jikkalkulaw kemm ser ikollok tistenna qabel tkun tista' tirċievi pagament jekk il-perijodu li jkollok tistenna japplika għalik.

**Hemm xi eċċezzjonijiet għall-perijodu li jkollok tistenna, dawn ikunu diskussi fl-intervista tiegħek meta tagħmel klejm.**

* Average Weekly Ordinary Time Earnings (AWOTE) (Qligħ Medju ta' Ġimgħa għal Ħin Ordinarju) hija miżura tal-qligħ użata mill-Bureau Awstraljan ta' l-Istatistika, li hu l-qligħ ta' l-Awstraljani minn ħin ordinarju maħdum kull ġimgħa. Il-figura rilevanti ta' l-AWOTE għal klejms mibgħutha fl-2006 hija $1022.60 kull ġimgħa għal persuna waħidha (single) u $2045.20 kull ġimgħa għal koppja. Din il-figura tkun aġġornata kull sena. L-eżempji li ġejjin juru kif il-perijodu li wieħed ikollu jistenna jkun ikkalkulat.

# Kemm huwa twil il-perijodu li fih wieħed ikollu jistenna?

Dan jiddependi minn kemm tkun qlajt mix-xogħol, u kemm kont ilek taħdam.

Jekk il-qligħ tiegħek kien 'il fuq mill-figura ta' l-AWOTE, jista' jkollok tistenna għal xi żmien qabel ma tirċievi pagament.

L-eżempji li ġejjin juru kif il-perijodu li wieħed ikollu jistenna huwa kkalkulat.

## L-1 Eżempju

Rachel ħadmet f'lukanda għal tmien ġimgħat. Hija tilfet ix-xogħol u kklemjat Newstart Allowance (Pagament ta' Newstart). Il-qligħ totali tagħha għal dan il-perijodu huwa $12 288.

Il-perijodu li Rachel ikollha tistenna jinħadem hekk:

L-1 Pass: Qligħ totali mix-xogħol iddividut bl-AWOTE ($1022.60)
$12 288 ÷ $1022.60 = 12.01-il ġimgħa
(Dan ifisser li Rachel irċiviet l-istess bħal 12.01-il ġimgħa ta' l-AWOTE)

It-2 Pass: 12.01-il ġimgħa – it-tmien ġimgħat li Rachel ħadmet = 4.01-il ġimgħa

Dan l-ammont huwa kkalkulat sa l-eqreb numru sħiħ, li huwa aħjar għal Rachel: erba' ġimgħat.

Rachel ikollha tistenna erba' ġimgħat mid-data li fiha spiċċat taħdem qabel tkun tista' titħallas Newstart Allowance (Pagament ta' Newstart).

## It-2 Eżempju

Darren huwa miżżewweġ u ħadem fuq post tal-bini għal 16-il ġimgħa. M'għandux aktar xogħol u ikklemja Newstart Allowance (Pagament ta' Newstart). Il-qligħ totali tiegħu għal dan il-perijodu huwa $34 234. Is-sieħba ta' Darren, Julie iżżomm il-kotba (accounts) part-time. Il-qligħ tagħha matul is-16-il ġimgħa li Darren kien jaħdem fuq il-post tal-bini kien $9376. Meta x-xogħol ta' Darren jispiċċa l-koppja tikklejmja Newstart Allowance (Pagament ta' Newstart).

Il-perijodu li jkollhom jistennew jinħadem kif ġej:

L-1 Pass: Il-qligħ ta' Darren u Julie jkun magħdud flimkien $34 234 + $9376 = $43 610

It-2 Pass: Il-qligħ tal-koppja huwa ddividut bl-AWOTE ($2045.20) għal koppja
$43 610 ÷ $2045.20 = 21.32 ġimgħa

It-3 Pass: 21.32 ġimgħa – is-16-il ġimgħa li ħadem Darren = 5.32-il ġimgħa

Dan l-ammont huwa kkalkulat sa l-eqreb numru sħiħ: ħames ġimgħat.

Darren u Julie jkollhom jistennew ħames ġimgħat mid-data li Darren spiċċa jaħdem qabel ikunu jistgħu jitħallsu Newstart Allowance (Pagament ta' Newstart).

## It-3 Eżempju

Brian huwa waħdu (single) u ħadem bħala ners ta' relief għal 26 ġimgħa. Spiċċa x-xogħol sitt ġimgħat ilu, iddeċieda li jieħu vaganza qabel ifittex xogħol u issa biss qed jikklemja Newstart Allowance (Pagament ta' Newstart). Il-qligħ totali tiegħu għal dan il-perijodu huwa $30 585.

Il-perijodu li jkollu jistenna jinħadem kif ġej:

L-1 Pass: il-qligħ totali mix-xogħol iddividut bl-AWOTE ($1022.60)
$30 585 ÷ $1022.60 = 29.90 ġimgħa

It-2 Pass: 29.90 ġimgħa – is-26 ġimgħa li Brian ħadem = 3.90 ġimgħa

Dan l-ammont huwa kkalkulat sa l-eqred numru sħiħ: tliet ġimgħat.

Dawn it-tliet ġimghat huma mid-data li Brian ħadem l-aħħar. Brian **ma** jkollux jistenna qabel ma jkun jista' jitħallas Newstart Allowance (Pagament ta' Newstart) għaliex diġà għaddew sitt ġimgħat mid-data li ħadem l-aħħar.

## X'Għandek bżonn tipprovdi lil Centrelink?

Jekk inti jew is-sieħeb/sieħba tiegħek temmejt xogħol b'kuntratt jew xogħol każwali fis-sitt xhur qabel ma tagħmel klejm, għandek timla formula biex tipprovdi lil Centrelink b'dettalji bħal m'huma:

- x'tip ta' xogħol inti (u/jew sieħeb/sieħba tiegħek) kontu għamiltu u għal min
- meta bdejt u meta spiċċajt
- il-qligħ gross tiegħek għall-perijodu, **u**
- dettalji ta' kull tnaqqis li tkun tista' tikklemja (kif permess mill-Uffiċċju Awstraljan tat-Taxxa).

Għandek tipprovdi wkoll verifikazzjoni ta' l-informazzjoni permezz ta' slips tal-pagi, ktieb ta' l-invoice, ċertifikati tal-grupp, stejtment tal-profitt u t-telf, ktieb tal-pagi, stejtment tal-bank, document li juru l-ħinijiet tax-xogħol (time sheet) jew ittra minn min iħaddmek.

Jekk m'intix ċert/a jekk intix se tkun affettwat/a minn dawn il-bidliet jew tkun trid aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Centrelink. Jekk tgħaddi minn tbatija finanzjarja waqt li tkun qed tistenna, jew ikollok bżonn għajnuna biex taħdem bagit, tkellem ma' Centrelink.

Jekk int tħaddem nies li jistgħu jkunu affettwati, tista' tkun mitlub/a biex tipprovdi lil Centrelink b'informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom. Jekk jogħġbok ikkuntattja l-Linja Telefonika Speċjali tan-Negozju ta' Centrelink fuq **13 1158** jekk ikollok xi mistoqsijiet.

## Ċaħda

L-informazzjoni f'din il-pubblikazzjoni hija intenzjonata biss bħala gwida għall-pagamenti li hemm.

**X'inhuma r-responsabbiltajiet tiegħek?**

- Hija r-responsabbiltà tiegħek biex tiddeċiedi jekk tixtieqx tapplika għal pagament u biex tagħmel l-applikazzjoni, skond iċ-ċirkustanzi partikulari tiegħek.
- L-informazzjoni hija tajba minn Settembru 2006, imma naturalment tista' tinbidel.

**Minn liema data jitħallsu l-benefiċċji?**

Il-biċċa l-kbira tal-pagamenti tal-gvern jitħallsu minn, jew wara, id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni. Għalhekk aktar ma tibgħat l-applikazzjoni tiegħek kmieni, aktar tkun tista' titħallas kmieni.

**X'inhi l-pożizzjoni jekk ikollok x'taqsam ma' terza persuna?**

Jista' jkollok x'taqsam ma' terza persuna li m'hix membru ta' l-istaff ta' Centrelink. Jekk tagħmel hekk, jekk jogħġbok ftakar li Centrelink ma' awtorizzatx lil xi terzi partijiet biex jipprovdu informazzjoni jew pariri lilek dwar pagamenti.

Biex titkellem ma' Centrelink f'lingwi oħra barra l-Ingliż ċempel **13 1202***.
Informazzjoni bil-lingwa tiegħek tista' tinkiseb ukoll minn fuq il-websajt f' **www.centrelink.gov.au**

* Telefonati għal numri "13" minn servizz standard ta' telefon jistgħu jsiru minn kull post fl-Awstralja għal mhux aktar minn prezz ta' telefonata lokali (ċarġis għal telefonati jistgħu jvarjaw skond il-provveditur tas-servizz tat-telefon). Telefonati għal numri "1800" huma bla ħlas. Telefonati minn telefon pubbliku u telefon ċellulari jistgħu jkunu ċċarġjati b'rata ogħla.